Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

**Brussell, 24 ta' Novembru 2023**
**(OR. en)**

**15352/23**

**LIMITE**

**UD 256**
**POLCOM 268**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt imwaqqaf mill-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji fir-rigward tal-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni dwar l-użu ta' ċertifikati tal-moviment maħruġa elettronikament<br>- Adozzjoni |

1. Fit-12 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt imwaqqaf mill-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji fir-rigward tal-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni dwar l-użu ta' ċertifikati tal-moviment maħruġa elettronikament[1], abbażi tal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali eżamina l-proposta u qabel dwar it-test tagħha.

[1] Dok. ST 14182/23 + ADD 1.

3. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista':

   - jikkonferma l-qbil milħuq mill-Grupp ta' Ħidma;
   - jistieden lill-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni kif tinsab fid-dokument ST 14401/23 + ADD 1 (test rivedut mill-ġuristi lingwisti), bħala punt mingħajr diskussjoni f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.

4. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u d-Deċiżjoni ser tintbagħat lilu.

PUBLIC